



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

18.3.2015

B8-0309/2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-ISIS: reklutaġġ fil-Balkani

Mara Bizzotto

RE\1055435MT.doc

PE552.292v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B8-0309/2015

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-ISIS: reklutaġġ fil-Balkani

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-segretarju tal-komunità Iżlamika fil-Kosovo, Resul Rexhepi, għadu kif ħareġ bl-aħbar allarmanti, li ż-żgħażaġh Kosovari qed jiġu offruti bejn EUR 20 elf u 30 elf biex jingħaqdu fil-ġlieda tal-ġiħadisti tal-Istat Iżlamiku tal-Iraq u tas-Sirja;
- B. billi l-ISIS b'hekk qed juża wkoll lill-Balkani bħala post ta' reklutaġġ għall-ġellieda li jintbagħtu fil-postijiet differenti ta' gwerra, mill-Iraq sas-Sirja, u jgħaddu mil-Libja;
- C. billi, la darba jkun tlesta t-taħriġ, dawn il-persuni jmorru lura f'pajjiżhom, u b'hekk huma ta' theddida serja għall-Ewropa kollha; il-fundamentaliżmu Iżlamiku jista' jagħmel pressjoni biex jinfiltra l-ibliet tagħna u jipperikola s-sigurta taċ-ċittadini kollha;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni tintervjeni biex jiġi evitat it-tixrid ta' dan it-tip ta' reklutaġġ.